DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2329

tal-11 ta' Diċembru 2015

li tiddetermina li s-sospensjoni temporanja tad-dazji doganali preferenzjali stabbiliti taħt il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, u skont il-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra, mhix xierqa għall-importazzjoni tal-banana li joriġinaw rispettivament fil-Peru u fil-Gwatemala għas-sena 2015

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 19/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Kolombja u l-Perù fuq in-naħa l-oħra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 20/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana ġie introdott bil-Ftehim ta' Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, li provviżjorjament daħal fis-seħħ fir-rigward tal-Kolombja u l-Perù fl-1 ta' Awwissu 2013 u fl-1 ta' Marzu 2013 rispettivament.

(2) Mekkaniżmu simili għall-banana ġie introdott bil-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Amerika Ċentrali, min-naħa l-oħra, li provviżjorjament daħal fis-seħħ fil-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali matul l-2013, bil-Gwatemala tkun l-aħħar waħda, fl-1 ta' Diċembru 2013.

(3) Skont dawn il-mekkaniżmi, u skont l-Artikoli 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 19/2013 u r-Regolament (UE) Nru 20/2013, ġaladarba jinqabeż volum ta' skattar definit għall-importazzjoni ta' banana friska (intestatura 0803 90 10 tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Jannar 2010) minn wieħed mill-pajjiżi konċernati, il-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni li jista' jissospendi temporanjament id-dazji tad-dwana preferenzjali applikati fuq l-importazzjoni tal-banana friska għal dak il-pajjiż jew jiddetermina li tali sospensjoni mhix xierqa.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tittieħed skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.

(5) L-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' banana friska li joriġinaw fil-Gwatemala qabżet il-limitu ta' 62 500 tunnellata metriċi definit mill-Ftehim ta' Kummerċ t'hawn fuq f'Ottubru 2015. F'Novembru 2015 l-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' banana friska li toriġina mill-Perù ukoll qabżet il-limitu definit ta' 86 250 tunnellata metriċi.

([1]) ĠU L 17, 19.1.2013, p. 1.
([2]) ĠU L 17, 19.1.2013, p. 13.
([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(6) F'dan il-kuntest, skont l-Artikoli 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 19/2013 u tar- Regolament (UE) Nru 20/2013, il-Kummissjoni ħadet inkonsiderazzjoni l-impatt tal-importazzjoni kkonċernata fuq il-qagħda tas-suq tal-Unjoni għall-banana sabiex tiddeċiedi jekk id-dazju doganali preferenzjali għandux jiġi sospiż. Għal dan l-għan il-Kummissjoni eżaminat l-effett tal-importazzjoni fuq il-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, l-iżvilupp tal-importazzjoni minn sorsi oħra u l-istabbiltà ġenerali tas-suq tal-Unjoni għal banana friska.

(7) L-importazzjonijiet ta' banana friska mill-Perù rrappreżentat ftit inqas minn 2 % tal-importazzjoni totali tal-banana friska lejn l-Unjoni meta qabżu l-limiti definit tagħhom għall-2015. Abbażi ta' projezzjoni tal-importazzjoni sa tmiem l-2015, b'kont meħud tal-importazzjoni ta' kull xahar fl-2015 u l-fatt li l-importazzjonijiet mill-Perù fl-2014 baqgħu taħt it-2 % tal-importazzjoni totali għas-sena kalendarja kollha, m'hemm l-ebda indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-livell ta' importazzjoni mill-Perù kif imqabbel mal-importazzjoni total ikun materjalment differenti għas-sena sħiħa 2015.

(8) L-importazzjonijiet ta' banana friska mill-Gwatemala rrappreżentaw ftit inqas minn 1,5 % tal-importazzjonijiet totali tal-banana friska lejn l-Unjoni meta qabżu l-limiti definit tagħhom għall-2015. Anki jekk, f'termini assoluti, din tirrappreżenta d-doppju tal-volum ta' importazzjoni għall-2014, abbażi ta' projezzjoni tal-importazzjonijiet sa tmiem l-2015 b'kont meħud tal-importazzjoni ta' kull xahar fl-2015, l-importazzjonijiet tal-banana mill-Gwatemala x'aktarx li ma jaqbżux il-1,5 % tal-importazzjonijiet totali għas-sena 2015 sħiħa.

(9) Filwaqt li l-prezz tal-importazzjoni Peruvjan kien medja ta' EUR 670/tunnellata fl-ewwel 9 xhur tal-2015, jiġifieri 4 % ogħla mill-prezz medju ta' importazzjonijiet oħra, il-prezz tal-importazzjoni mill-Gwatemala kien medja ta' EUR 621/tunnellata matul l-istess perjodu, li huwa 3,5 % aktar baxx mill-prezzijiet medji ta' importazzjonijiet oħra ta' banana friska lejn l-UE.

(10) L-importazzjonijiet kkombinati mill-Peru u mill-Gwatemala huma mistennija li jibqgħu inqas minn 3,5 % tal-importazzjonijiet totali għas-sena 2015 sħiħa, u l-prezz medju kkombinat tagħhom huwa komparabbli mal-livell tal-prezz ta' importazzjonijiet oħra.

(11) L-importazzjonijiet ta' banana friska minn pajjiżi esportaturi kbar tradizzjonali oħra li magħhom l-UE wkoll għandha Ftehim ta' Kummerċ Ħieles, b'mod notevoli l-Kolumbja, l-Kosta Rika u l-Panama, baqgħu fil-bidċa l-kbira taħt il-limitu stipulat għalihom f'mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni komparabbli, u kienu qed isegwu l-istess tendenzi u valuri tal-unità għall-aħħar tliet snin. Pereżempju l-livell ta' importazzjonijiet mill-Kolombja u l-Kosta Rika kienu rispettivament 627 elf tunnellata u 516 elf tunnellata taħt il-limiti definiti f'Ottubru 2015, li huwa konsiderevolment ogħla minn dak tal-importazzjoni totali kemm mill-Peru kif ukoll mill-Gwatemala għas-sena sħiħa.

(12) Il-prezz bl-ingrossa medju tal-banana fuq is-suq tal-Unjoni f'Ottubru 2015 (EUR 960/tunnellata) ma rreġistrax kambjamenti notevoli kkumparat mal-medji tal-prezzijiet tal-banana għax-xhur ta' qabel.

(13) Għaldaqstant la hemm indikazzjoni li l-istabbiltà tas-suq tal-Unjoni kienet disturbata mill-importazzjoni ta' banana friska mill-Perù u l-Gwatemala li teċċedi l-volum ta' importazzjoni ta' skattar annwali definit, u lanqas li dan kellu xi impatt sinifikanti fuq is-sitwazzjoni tal-produtturi tal-UE. Lanqas ma huwa mistenni li din is-sitwazzjoni se tinbidel għall-bqija tal-2015.

(14) Fl-aħħar nett, kif mitlub mir-Regolament (UE) Nru 19/2013 u r-Regolament (UE) Nru 20/2013, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' theddida ta' deterjorament serju jew deterjorament serju għall-produtturi fir-reġjuni l-aktar imbegħda tal-UE għas-sena 2015.

(15) Abbażi tal-eżaminazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sospensjoni tad-dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjoni tal-banana li toriġina mill-Perù mhix xierqa. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li s-sospensjoni tad-dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjoni tal-banana li toriġina mill-Perù mhix xierqa. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib l-importazzjoni tal-banana minn dawn iż-żewġ pajjiżi.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-sospensjoni temporanja tad-dazji doganali preferenzjali fuq l-importazzjoni tal-banana friska tal-intestatura 0803 90 10 tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea li toriġina mill-Perù u l-Gwatemala mhix xierqa matul is-sena 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER